31999R2674

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2674/1999
tat-13 ta' Diċembru 1999
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1911/91 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Komunità għall-Gżejjer Kanarji

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 25(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi:

(1) Bis-saħħa ta' Artikolu 25 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-1985, it-Trattati u l-atti ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet japplikaw għall-Gżejjer Kanarji, soġġetti għad-derogi stabbiliti f'dak l-Artikolu u fil-Protokoll ta' dak l-Att;

(2) Minħabba s-sitwazzjoni ġejografika tagħhom, il-Gżejjer Kanarji jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet speċjali minħabba, b'mod partikolari, l-pożizzjoni remota tagħhom, l-istatus tagħhom ta' gżira, it-terren vulkaniku tagħhom li mhuwiex addattat għall-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola u industrijali u n-nuqqas ta' riżorsi naturali; il-Kunsill adotta numru ta' miżuri sabiex jintegraw il-Gżejjer Kanarji b'mod aktar sħiħ, b'mod partikolari, fil-Komunità u fl-unjoni doganali;

(3) F'dan il-kuntest, arranġamenti ta' tassazzjoni indiretta eżistenti maħsubin sabiex b'mod partikolari jikkumpensaw għall-istatus ta' gżira tar-reġjun u l-iżolament ġeografiku ħtieġu riforma u modernizzazzjoni gradwali bi qbil malleġislazzjoni tal-Komunità; għal dak il-għan u fost miżuri oħra adottati, ir-Regolament (KEE) Nru 1911/91 [3] ippermetta taxxa ġdida fuq il-produzzjoni u fuq l-importazzjonijiet (l-"arbitrio sobre la producción y sobre las importaciones" (APIM)) sabiex jiġu applikata fil-Gżejjer Kanarji sal-31 ta' Diċembru 2000;

(4) Din it-taxxa temporanja hija maħsuba sabiex tippermetti l-produzzjoni lokali taġġusta għall-ħtiġiet tas-suq waħdieni permezz ta' sistema ta' eżenzjonijiet; ċerti eżenzjonijiet totali jew parzjali mit-taxxa huma mogħtija bix-xieraq fir-rigward ta' merkanzija fabbrikata lokalment, skond il-ħtiġiet ekonomiċi u fuq il-kondizzjoni li eżenzjonijiet bħal dawn jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' attivitajiet lokali mingħajr ma jkunx hemm ir-riskju li jaffettwaw il-kondizzjonijiet kummerċjali sa punt li jmur kontra l-interess komuni;

(5) Bi qbil ma' Artikolu 5(6) tar-Regolament (KEE) Nru 1911/91, il-Kummissjoni eżaminat l-impatt tal-miżuri meħudin fil-kuntest ta' l-APIM dwar l-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji u l-prospetti għall-integrazzjoni tar-reġjun fit-territorju doganali tal-Komunità; dik l-eżaminazzjoni sabet li l-impatt talli jiġi eliminat l-APIM huwa pożittiv ħafna fir-rigward ta' prezzijiet u negattiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-forniment u ma' l-impjiegi;

(6) Madankollu, l-impatt negattiv fuq il-forniment u l-impjiegi ivarja ħafna skond is-settur konċernat; għalkemm iż-żmien li għadda ppermetta lil bosta mis-setturi sabiex jagġustaw, dan mhuwiex il-każ għal ċerti prodotti f'setturi sensittivi; il-Kummissjoni, fuq talba ta' l-awtoritajiet Spanjoli, studjat l-aktar setturi vulnerabbli u identifikat il-prodotti sensittivi, u kkonkludiet li vulnerabilità bħal din tista', f'ċerti każijiet, twassal għal għajbien virtwali tas-settur konċernat;

(7) Wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet Spanjoli, sar jidher ċar li t-tneħħija tat-taxxa b'mod gradwali għandha tiġi sospiża sat-30 ta' Ġunju 2000 fil-każ ta' ċerti prodotti sensittivi, sabiex jiġi ffaċilitat l-aġġustament tagħhom għall-kondizzjonijiet tas-suq qabel l-għajbien tat-taxxa; din is-sospensjoni ma tinvolvix l-għanijiet li tiġi introdotta t-Tariffa Doganali Komuni u li telimina l-APIM, iżda hija llimitata biss sabiex ittaffi l-effetti ta' l-aġġustamenti ekonomiċi li huma meħtieġa sabiex iwasslu għat-tneħħija għal kollox tat-taxxa;

(8) Ir-Regolament (KEE) Nru 1911/91 għandu għalhekk jiġi emendat bix-xieraq;

(9) L-APIM sejra tgħib nhar il-31 ta' Diċembru 2000; qabel dik id-data, il-Kummissjoni sejra madankollu teżamina ma' l-awtoritajiet Spanjoli l-impatt ta' li tiġi sospiża t-tneħħija tat-taxxa fuq is-setturi ekonomiċi konċernati, u b'mod partikolari fuq il-prodotti koperti b'dan ir-Regolament; fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' dik l-eżaminazzjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ikun il-każ, tippreżenta proposta lill-Kunsill dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu taħt it-Trattat sabiex jiġi evitat it-tħarbit fl-eżistenza ta' ċerti attivitajiet ta' produzzjoni lokali li huma partikolarment vulnerabbli, filwaqt li fl-istess ħin jintlaħaq l-għan li tiġi eliminata t-taxxa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1911/91 huwa b'dan il-mezz emendat kif ġej:

---

[1] Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Novembru 1999 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU Ċ 329, tas-17.11.1999, p. 27.

[3] ĠU L 171, tad-29.6.1991, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 284/92 (ĠU L 31, tas-7.2.1992, p. 6).

1. Is-subparagrafu segwenti għandu jiġi miżjud ma' Artikolu 5(2):

"Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu, it-tnaqqis fir-rati tat-taxxa għandu jiġi sospiż mit-30 ta' Diċembru 1999 sat-30 ta' Ġunju 2000 fil-każ tal-prodotti elenkati fl-Anness."

2. Għandu jiġi miżjud l-Anness li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HASSI

ANNESS

"ANNESS

Lista ta' prodotti, li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu ta' Artikolu 5(2), ikklassifikati skond in-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni (TDK)

Oġġetti ta' l-ikel mixxellanji:

0403 10, 0407 00 90, 0701 90, 0702, 0703, 0803, 0901 21, 0901 90 90, 1101, 1601, 1602, 1704 90 71, 1806 (għajr 1806 20 95), 1901 90 99, 1902, 1904 10 10, 1905 10 00, 1905 20, 1905 30, 1905 40, 1905 90, 2002 10 90, 2002 90 91, 2007 91 10, 2007 99 39, 2008 99 61, 2008 99 68, 2101, 2103, 2105, 2106 90 98, 2309.

Tabakk:

2402 10 00, 2402 20.

Sostanzi kimiċi:

2804 30 00, 2804 40 00, 2851 00 30, 3208, 3209, 3213, 3401, 3402 (għajr 3402 11 00, 3402 12 00 u 3402 13 00), 3809 91 00.

Karta:

4808, 4818 10, 4818 20, 4818 30, 4818 40, 4819, 4821, 4823 59 10, 4909, 4910, 4911, 5601 22 10, 5601 22 99.

Tessut:

6112 31, 6112 41, 6213, 6302, 6303.

Industriji ta' xogħol tal-ħadid I:

7308, 7309 00 (għajr 7309 00 90), 7317, 7325, 7604, 7608, 7610, 9406 00 31.

Merkanzija fabbrikata oħra:

3923 10 00, 3923 21 00, 3923 30 10, 3924 10 00, 4012 10, 4418, 4601, 4602, 6802, 7010, 8544 59 10, 9401, 9403, 9404."